# Aħbar Tajba



Ġer 17, 5-8
S 1, 1-2.3.4.6
1 Kor 15, 12.16-20
Lq 6, 17.20-26

"Henjin intom meta minħabba Bin il-bniedem in-nies jobogħdukom... Dakinhar **jiġrilkom hekk, ifirħu u aqbżu bil-ferħ, għax araw, ħlaskom kbir ikun fis-sema."**

X'inhi dik il-ħaġa li kulħadd jixtieq li jkollu? Il-flus? Li jkollu dar sabiħa jew inkella karozza sportiva? Forsi li jkollu ħafna ħbieb li magħhom jista' jieħu gost? Jew inkella li ma jkollu lil ħadd jikkmandah x'għandu jagħmel u jkun jista' jagħmel li jrid? Għalkemm xi kultant nixtiequ xi waħda jew aktar minn dawn li semmejna, fil-fond ta' qalbna, ix-xewqa tagħna hi li nkunu tassew ferħanin. Dawn l-affarijiet li semmejna, nixtiquhom għax naħsbu li dawn se jagħtuna l-ferħ li tant nixtiequ.

Imma jekk l-esperjenza tgħallimna xi ħaġa hi li dawn l-affarijiet ma jistgħux jagħtuna l-vera ferħ. Dan irridu nfittxuh xi mkien ieħor.

Snin ilu kien hemm żagħżugħ li kellu dak kollu li jixtieq. Kien ġej minn familja popolari u tat-tajjeb, kellu ċans jitgħallem fl-aqwa postijiet u fuq kollox seta' jagħmel li jrid. Iżda għalkemm kellu l-affarijiet kollha li seta' jixtieq, ferħ veru ma kellux. Sakemm darba ltaqa' ma' xi ħadd li kellmu fuq Ġesù u bidillu ħajtu mil-lejl għan-nhar. Fil-ħajja l-ġdida tiegħu kellu ħafna inqas affarijiet, ma kienx joħroġ jixxala ma' sħabu u fuq kollox kien jgħix fil-faqar. Imma kien f'din il-ħajja li sab il-ferħ veru li tant kien jixtieq. Dan iż-żagħżugħ kiber, u l-ferħ li kien sab qasmu ma' kemm seta' nies u llum nafuh bħala Santu Wistin, qaddis kbir tal-Knisja.

Kultant aħna ninsew li l-qaddisin, li xi wħud minnhom nagħmlulhom festi kbar, ma twildux qaddisin, imma kienu nies bħalna, bi kwalitajiet tajba imma anke dgħufijiet. Li għamilhom qaddisin ma kienx xi poter moħbi li kellhom fihom imma deċiżjoni li għamlu u li komplew jagħmlu f'ħajjithom, li jisimgħu l-messaġġ ta' Ġesù u jaħdmu biex jgħixuh.

Għaliex il-qalba tal-messaġġ ta' Ġesù mhux lista twila ta' affarijiet li ma għandnix nagħmlu imma sejħa biex inkunu tassew ferħanin. Fil-Vanġelu tal-lum Ġesù jaqsam magħna s-sigriet tal-ferħ veru. Mhux li jkollok ħafna affarijiet, jew li tagħmel li trid u lanqas li ħadd ma jdejjqek jew iweġġgħek. Is-sigriet tal-ferħ hu li tinduna li Alla magħna dejjem, kemm fil-mumenti sbieħ kif ukoll f'dawk diffiċli. Il-fidi f'Alla tgħinna naraw ir-rigal ta' Alla fil-mumenti sbieħ u f'dawk ibsin nagħrfu li Alla qiegħed magħna f'tant nies li jlaqqagħna magħhom. Is-sigriet tal-ferħ veru hu li tara l-affarijiet bl-għajnejn tal-fidi. Hekk inkunu tassew 'Henjin'!

"Henjin intom, meta jgħajrukom...
u jaqilgħu kull xorta ta' ħażen u gideb
kontra tagħkom minħabba fija.
**Ifirħu u thennew, għax ħlaskom
kbir fis-smewwiet."**



**Sib il-kelma**

**WEQFIN**

1. Dak għandu tassew _ _ _ _ _ _ _ tajba.
3. Ġesù, lill-foqra fl-ispirtu, iwegħedhom is-Saltna tas- _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _.
5. L-akbar kwalità li jista' jkollu l-bniedem.

**MIMDUDIN**

2. Għal min nagħmlu festi kbar fix-xhur tas-Sajf?
4. Iż-żagħżugħ li semmejna fl-ewwel paġna hu Santu _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _.
6. Mara li tgħin lill-oħrajn ngħidu li hi mara _ _ _ _ _ _ _ _ _ _.



## Biex nifhem aħjar

Fil-Vanġelu tal-lum naqraw wieħed mill-aktar diskorsi famużi ta' Ġesù. Is-suġġett li Ġesù jitkellem dwaru hu l-ferħ, imma mhux ferħ li jgħaddi. Ġesù jitkellem dwar ferħ speċjali – l-hena – li jiġri x'jiġri f'ħajtek ma jispiċċa qatt. U għalhekk, flok jgħid li ferħanin huma dawk li għandhom il-flus u allura ma jonqoshom xejn, jew inkella dawk li jispiċċaw il-jiem tagħhom b'festi kbar, Ġesù jgħid li ferħanin huma l-fqar, jew dawk li xi ħadd jgħajjarhom. Kif jista' jkun? Kif jista' jkun ferħan xi ħadd li qed ibati? Biex nifhmu x'qed jgħid Ġesù rridu niftakru li fi żmienu l-biċċa l-kbira tan-nies kienu foqra u qed ibatu. B'mod speċjali dawk li ħafna drabi kienu jkunu quddiemu jisimgħuh kienu l-ifqar fost il-fqar jew persuni li kulħadd qata' qalbu minnhom. Iżda Ġesù qed ifakkarhom li hemm xi ħadd li qatt ma jaqta' qalbu minn ħadd – Alla l-Imbierek – u jekk għandna lil Alla magħna min jista' jkun kontra tagħna? F'dan il-Vanġelu qed iħeġġiġhom biex ma jaqtgħux qalbhom għax hieni dak li għandu lil Alla f'ħajtu. Għalkemm fid-dinja tidher fqir, imma jekk għandek lil Alla għandek l-akbar teżor li qatt jista' jkollok.



### Din il-Ġimgħa...

**Fittex li ssib ħin għal Alla. Fittex ftit kwiet biex titlob kuljum. Ara jekk jirnexxilikx tisma' l-quddiesa kif ukoll li tattendi f'xi għaqda bħall-MUSEUM jew iż-ŻAK.**


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq




**info@sayitmalta.com**

Grazzi.

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web




**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com



**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION